

21994D1231(04)

31.12.1994

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 372/5

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 33/94****tal-15 ta' Diċembru 1994****li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/94 tal-21 ta' Marzu 1994 li temenda l-Protokoll 47 u ċerti l-Annessi għall-Ftehim taż-ŻEE Ftehim ⁽¹⁾;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3457/92 tat-30 ta' Novembru 1992 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar iċ-ċertifikat ta' spezzjoni għal importazzjoni minn pajjiżi terzi għal ġewwa l-Komunità li għalihom hemm provdut fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li hemm referenza għalihom dwar il-prodotti agrikoli u l-affarijiet ta' l-ikel ⁽²⁾ għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3713/92 tat-22 ta' Diċembru 1992 li jiddiferixxi d-data ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fuq prodotti agrikoli u affarijiet ta' l-ikel, fir-rigward ta' l-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 468/94 tat-2 ta' Marzu 1994 li jemenda l-Anness VI għar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li hemm referenza għalihom dwar il-prodotti agrikoli u l-affarijiet ta' l-ikel ⁽⁴⁾ għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 688/94 tat-28 ta' Marzu 1994 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3713/92 li jiddiferixxi d-data ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u affarijiet ta' l-ikel, fir-rigward ta' l-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ⁽⁵⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

1. Fil-punt 54b (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91) tal-Kapitolu XII ta' l-Anness II tal-Ftehim, l-inċiżi li ġejjin għandhom jiġu mdaħħlin bejn ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2083/92 (392 R 2083) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2608/93 (393 R 2608):

“– **392 R 3457**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3457/92 tat-30 ta' Novembru 1992 (ĠU Nru L 350, ta' l-1.12.1992, p. 56),

⁽¹⁾ ĠU L 160, tat-28.6.1994, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 350, ta' l-1.12.1992, p. 56.

⁽³⁾ ĠU L 378, ta' l-23.12.1992, p. 21.

⁽⁴⁾ ĠU L 59, tat-3.3.1994, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 84, ta' l-29.3.1994, p. 9.

- **392 R 3713**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3713/92 tat-22 ta' Diċembru 1992 (ĠU L 378, tat-23.12.1992, p. 21).”;
2. l-inċiżi li ġejjin għandhom jiġi miżjudin qabel l-addattamenti:
- “— **394 R 0468**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 468/94 tat-2 ta' Marzu 1994 (ĠU L 059, tat-3.3.1994, p. 1),
- **394 R 0688**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 688/94 tat-28 ta' Marzu 1994 (ĠU L 84, tad-29.3.1994, p. 9).”.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3457/92, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) 3713/92, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) 468/94 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) 688/94 fil-lingwa Finlandiża, Islandiża, Norveġiża u Svediża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Frar 1995, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Diċembru 1994.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

H. HAFSTEIN
